TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/175/11/S

Carmela u Mario Pace
Vs
Gaetano Buttigieg ezercenti l-kummerc bhala Gaevince

Illum 5 t'Ottubru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' RCarmela u Mario Pace datata 2 t'April,2011 u r-risposta ta' Gaetano Buttigieg ezercenti l-kummerc bhala Gaevince datata 16 ta'Gunju,2011;

Ra d-dokumenti pprezentati inkluz ir-rapport tal-espert tekniku Vincent E.Ciliberti, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fid-19 ta'Gunju,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar magna tal-hasil ('washing machine') li inxtrat fit-23 t'April, 2009 u skont l-atturi, wara xi zmien ma bdietx tahdem kif suppost filwaqt li l-konvenut fir-risposta tieghu, ta raguni ghal kull ilment imressaq mill-atturi;

Illi jinghad mal-ewwel li l-ilment sar wara ftit iktar minn sena minn meta inxtrat din il-magna tal-hasil u l-konvenut biddel dak kollu mehtieg f'din il-magna tal-hasil;

Illi ghalhekk irid jigi stabbilit jekk kienx hemm nuqqas ta' konformita skont il-ligi;

Illi billi l-ilment sar wara li ghaddew is-6 xhur minn meta inxtara l-prodott, il-prova ta' nuqqas ta' konformita trid issir mill-atturi u dan skont l-artiklu 78 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi l-partijiet irrimettew rwiehhom ghall-konkluzjonijiet tal-espert tekniku waqt is-seduta tad-19 ta'Gunju,2012;

Illi bhala konkluzjoni l-espert tekniku spjega li *"l-esponenti ha in kunsiderazzjoni t-tiswijiet li diga twettqu fil-washing machine, fosthom ic-cinga u l-pompa, u hija l-opinjoni tal-esponenti illi dan huwa konsidrat bhala difett fil-washing machine, ghandu jigi retifikat mill-intimat ..."*;

Illi dan it-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet tal-espert tekniku filwaqt li jirrileva li mix-xhieda prodotta u mir-rapport tal-espert, jirrizulta li l-konvenut ghamel hiltu biex isolvi l-ilmenti imressqa mill-atturi;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba tal-atturi Carmela u Mario konjugi Pace in parte fis-sens li Jordna lill-konvenut Gaetano Buttigieg ezercenti l-kummerc bhala Gaevince ihallas lill-atturi Carmela u Mario konjugi Pace is-somma ta' €70 stabbilita *ex aequo et bono* u Jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut f'dak li hu inkompatibbli ma' dak deciz, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluz tal-espert tekniku jithallsu mill-konvenut Gaetano Buttigieg ezercenti l-kummerc bhala Gaevince.

Richard Sladden Av.
Arbitru